# DESIDERIA

*La tfakkarnix fil-mewt*
*U l-kruha tagħha.*
*Telqa ta' jdejn, ħemda fir-ruħ, u ħerba,*
*W l-intiena li tmur magħha.*

*Hassejt il-mewt kuljum*
*Madwari, fija:*
*L-erwieħ ta' min ħabbejt u ta' min bagħadni*
*Rajthom jitkasbru fid-dnubiet minsija,*
*Rajthom qed jiċħdu kull tamiet bikrija,*
*Rajthom imutu ta' kuljum mifdija.*

*Le, le, tgħidlix bil-mewt:*
*Kullimkien*
*Qiegħda:*
*Tgħanni lill-ġmiel mibegħda!*

*Hekk, hekk, kellimni biss*
*Fuq ġmiel u ħlewwa,*
*U ssemmilix id-dnewwa......*
*Għidli li l-fewġa għandha leħen ħlejju*
*Bħal tfajla ġewwa ġnien f'żerniq ta' Mejju;*
*Li s-sebħ ta' l-ewwel dija*
*Għandu mill-ewwel bewsa taż-żgħożija;*
*Li l-firxa ta' l-egħlejjel u tal-qmuħ*
*Għandha mill-fawra bnina ta' l-uċuħ......*

*U waqt li l-kwiekeb lejna jħarsu sbejjaħ*
*Nisimgħu l-ħajja mill-imħabba ssejjaħ!*

30. viii. '47. W. Gulia